# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 114/2022 ISB**

**Mary Grech (ID. 39233M)**

**Vs**

**(i) Avukat tal-iStat, u**

**(ii) Edith Cachia (I.D. 642561M), Lilian Wismayer (I.D. 740554M), Dottor Edwin Mintoff (I.D. 452158M), Anne McKenna (I.D. 435949M) personalment u f'isem u in rappreżentanza ta' Melida Frendo mart Dottor David Frendo (I.D. 454236M) u ta' Lorenza Doe mart Leslie Doe (I.D. 057332M), Yana Bland Mintoff (I.D. 706451M), Mary Anne Carbonaro (I.D. 249338M), Daniel Mintoff (I.D. 194422M), Christopher Mintoff (I.D. 432486M), Stephanie Mintoff (I.D.**

**4391M), Josephine Mintoff (I.D. 294426M), Marcelle Mangion (I.D. 250856M)**

**(iii) FLM Developers Limited (C-47192)**

## Il-Qorti,

Rat ir-**Rikors** ta' Mary Grech, tal-24 ta' Frar 2022, li permezz tiegħu, talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tiddikjara illi l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) hija vjolattiva tad-drittijiet tal-esponenti protetti taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għar-raġunijiet suesposti;*
ii. *Tiddikjara li l-fatti suesposti jammontaw għal vjolazzjoni tad-drittiejit propjetarji tal-esponenti protetti taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*
iii. *Tiddikjara għalhekk illi l-bejgħ (tal-propjeta' in mertu) a tenur tal-Artikolu 495A skedat ghal nhar it-28 ta' Frar 2022 bejn il-partijiet (ħlief għall-Avukat tal-iStat) ser ikun in vjolazzjoni tad-dritt tal-esponenti protett taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għar-raġnijiet suesposti;*
iv. *Tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet:* ***Edith Cachia et vs Mary Grech, Rikors numru 346/2016/1 , deċiża fl-1 ta' Frar 2022****, kif ukoll is-sentenza fi Prim'istanza fl-istess ismijiet,* ***Rikors numru 346/2016*** *deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2021;*
v. *Konsegwentament, jekk kemm-il darba il-bejgħ ikun sar meta din il-Qorti tiġi biex tagħti deċiżjoni, tannulla u tirrexxindi l-istess kuntratt ta' bejgħ u tordna lill-intimati (ħlief għall-Avukat tal-iStat u x-xerrej prospettiv intimat) ibiegħu l-propjeta` 5 u 6 Triq San Luqa, Marsaskala lir-rikorrenti għall-istess prezz illi kienet ser tixtri t-terza persuna;*

*vi. Tillikwida ammont ta' kumpens rappreżentanti danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjoni imsemmija;*

*vii. Tikkundanna llill-Avukat tal-iStat iħallas il-kumpens hekk illikwidat;*

*viii. Tagħti kull ordni u provvediment li jidrilha li huwa xieraq u opportun.*

U dan wara illi ppremettiet:

*i. Illi din il-kawża qed issir wara li ġie deċiż appell li intavolat l-esponenti minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Edith Cachia et vs Mary Grech, liema sentenza ngħatat fil-15 ta' Lulju 2021. L-appell imsemmi ġie deċiż fl-1 ta' Frar, 2022 (Appell Numru **349/2016/1**) u permezz tiegħu ġew miċħuda l-aggravji rispettivi tal-esponenti fl-intier tagħhom, b'dan illi għalhekk ġiet ikkonfermata s-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

*ii. Illi fost l-aggravji rispettivi li kienet qajmet l-esponenti appellanta, ikkonkorrew uħud ta' natura kostituzzjonali fejn l-esponenti propju lmentat mill-fatt illi kienu ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħha, senjatament dak sanċit taħt il-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan b'konsegwenza tal-bejgħ li awtorizzat l-Ewwel Qorti.*

*iii. Illi l-fatti saljenti rigward dan il-bejgħ, u l-proċeduri in Prim' Istanza huma s-segwenti:*

**a)** *Il-partijiet (barra l-Avukat tal-iStat u FLM Developers Limtied) huma lkoll kompropjetarji ta' diversi propjetajiet imnissla minn wirt tal-antenati tagħhom, inkluż il-propjetajiet mertu ta' din il-kawża, u ċioe' l-propjetajiet bin-numru 3, 4, 5 u 6 Triq San Gużepp, Marsascala u 4, 5, 6 Triq San Luqa Marsascala flimkien ma' biċċa art tal-kejl ta' ċirka 47m.k li tifforma parti integrali mill-propjeta` numru 6 (ħaġa li tirriżulta ictu oculi addirittura mill-kawża mortis ta' Marianna Micallef, Giovanna Lautier, Lawrence Mintoff u Raymond Mintoff).*

***b)*** *Fl-1985, uħud mill-werrieta relattivi, kienu bdew proċeduri quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ għall-Qsim Tal-Wirt, u ċioe' l-arbitraġġ bin-numru uffiċjali 1/1985, sabiex il-wirt jinqasam.*

***c)*** *Minkejja dan, tali proċeduri sfaw stultifikati minħabba diversi kumplikazzjonijiet li nqalgħu matul il-perkors tal-arbitraġġ. Minħabba f'hekk il-proċeduri kienu baqgħu sine die waqt illi l-werrieta kollha kienu qed jesploraw il-possibilita` ta' qbil bonarju fuq il-qsim tal-istess wirt.*

***d)*** *Fil-fatt, fl-14 ta' Gunju 1999, ġie ffirmat ftehim bejn il-werrieta li permezz tiegħu ġie kkristallizzat pjan għall-qsim tal-wirt. Madanakollu, għal xi raġuni, il-wirt baqa' ma nqasamx skont kif kontemplat fl-istess ftehim.*

***e)*** *Sussegwentement, ossia f'Diċembru tal-2014, il-werrieta kollha kienu ftehmu fuq il-qsim tal-wirt u fil-fatt iffirmaw skrittura quddiem Nutar sabiex ikkristallizzaw mill-ġdid tali qbil sakemm ikunu jistgħu jagħmlu l-arranġamenti neċessarji sabiex dan il-ftehim jiġi rifless f'att pubbliku. Din l-iskrittura, datata l-4 ta' Diċembru 2014, kienet tipprovdi li l-att pubbliku kellu jsir sas-27 ta' Frar, 2015.*

***f)*** *Filwaqt illi l-kawża għad-diviżjoni baqgħet pendenti (iżda sine die minħabba l-ftehim milħuq fl-1999 u rinovat fl-2014), il-ftehim insemmi beda jiġi implimentat, fis-sens illi l-ġoiellerija formanti parti mill-istess wirt ġiet stmata u mqassma skont l-istess ftehim u ġew ikkreati lots tal-propjetajiet sabiex dawn jitellgħu bil-polza u b'hekk ikun stabbilit min għandu jieħu liema propjeta`.*

***g)*** *Fil-konfront tal-esponenti, pero, peress illi kienet ħadmet ħafna għall-familja, fis-sens illi kienet ħadet fuqha r-responsabbilita` li tipproċedi ġudizzjarjament kemm fil-konfront ta' inkwilini, kemm fil-konfront ta' squatters, kif ukoll fil-konfront tal-Gvern, għall-ġid tal-propjeta` komuni, il-werrieta l-oħra kienu kkonċedewlha x-xelta tal-propjetajiet ġewwa Marsascala li l-esponenti xtaqet iżżomm għaliha, u dan qabel ma ttellgħu l-poloz relattivi.*

***h)*** *F'dan ir-rigward, l-esponenti kienet fil-fatt għażlet il-propjeta' numru 6, f'Triq San Luqa, Marsaskala u dan primarjament għaliex l-istess*

*propjeta` kienet mikrija lilha għal żmien twil. Din l-offerta kienet magħmula mill-familja kollha, u kullħadd kien jaf biha u addirittura kien qabel fuqha.*

**i)** *Kienu ttellgħu l-lots l-oħra, tant li l-esponenti kien imissha in-numru 5 u in-numru 6 f'Triq San Luqa, Marsaskala.*

**j)** *Kien biss wara li ttellgħu l-lots li t-tfal ta' ħutha (għaliex il-ġenituri taghhom kienu laħqu mietu), bdew jaqilgħu l-problemi. Speċifikament bdew jallegaw illi biċċa art biswit il-propjeta` numru 6, Triq San Luqa, Marsaskala ma kinitx inkluża fil-lots li kienu qablu fuqhom, u li għalhekk, jekk l-esponenti riedet teħodha kellha tħallas €36,090 żejda (fuq il-prezz oriġinali) għaliha.*

**k)** *L-esponenti ma aċċettatx din l-allegazjoni għaliex fil-fatt din il-biċċa art kienet dejjem tifforma parti mill-propjeta` numru 6, fi Triq San Luqa, Marsaskala, tant illi fil-valutazzjoni mogħtija mir-rikorrent Perit Christopher Mintoff, huwa niżżel il-propjeta` bħala "No.6 Triq San Luqa Marsascala + land".*

**l)** *Sabiex din il-kwistjoni tingħalaq darba għal dejjem, l-esponenti kienet offriet illi tħallas €18,045 żejda għall-art in kwistjoni, u ċioe' nofs dak illi kienu qed jippretendu l-werrieta l-oħra; iżda l-werrieta l-oħra baqgħu ma taw ebda rispsota lill-esponenti f'dan ir-rigward.*

**m)** *Filwaqt illi kienu għaddejin dawn in-negozjati sabiex sa fl-aħħar isir il-kuntratt ta' diviżjoni, l-esponenti ġiet infurmata, ħin bla waqt, permezz ta' ittra datata 4 t'April 2016 illi l-werrieta l-oħra kienu ser ibiegħu l-propjeta` li kienet miżmuma in komuni bejniethom, kif stqarru li kellhom dritt jagħmlu taħt l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Civili. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti saret taf illi kien ġie patwit konvenju bejn l-intimati kopropjetarji u l-intimata l-oħra f'dawn il-proċeduri, u ċioe' FLM Developers Limited, fl-20 t'April, 2016, illi għal kull buon fini jiġi rilevat li qed tiġi nkluża bħala parti f'dan il-proċeduri in vista tat-talbiet tar-rikorrenti u għall integrita tal-ġudizzju.*

**n)** *L-esponenti kienet ferm sorpriża, għaliex dejjem kien hemm qbil bejn il-werrieta li l-propjeta` tinqasam skont ir-rieda tal-ġenituri tagħhom u mhux illi tinbiegħ, u speċjalment mhux b'dan il-mod; b'hekk hija dejjem assumiet illi jekk għal xi raġuni jew oħra in-*

*negozjati ta' bejniethom għall-qsim tal-wirt ma kienux ser jirnexxu, kienu lkoll ser jirrikorru għall-proċeduri li kienu ħallew in abeyance quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ għall-Qsim tal-Wirt. Madanakollu, il-proċess relattiv intilef b'dan illi il-proċeduri ma segħtux jitkomplew.*

**o)** *Wara l-ittra tal-4 t'April 2016, l-esponenti ma semgħet xejn iżjed u assumiet illi l-ittra kienet biss manuvra tal-werrieta l-oħra biex iġieghluha taċċetta li tħallas €36,090 għall-biċċa art li fuqha kellhom disgwit. Iżda fid-19 t'April 2016, kienet sabet ittra mitfugħa (u mhux impustata) fil-letterbox tagħha min-Nutar Dorianne Arapa (datata 15 t'April 2016) li x'aktarx ġiet mħollija fil-letterbox tal-esponenti għall ħabta tas-7 ta' filgħaxija, fejn ir-rikorrenti infurmaw lill-esponenti li l-għada (16 t'April 2016) kienu ser jiffirmaw konvenju. L-ittra stqarret illi kien hemm l-abbozz tal-konvenju mehmuż miegħu, pero l-abbozz ma kienx hekk mehmuż. L-ittra kienet teżiġi wkoll illi l-esponenti għandha tattendi għall-iffirmar tal-konvenju in kwistjoni mingħajr hija ma kienet għadha lanqas biss rat il-kontenut tal-istess.*

**p)** *In vista ta' dan, l-esponenti kienet ċemplet lin-Nutar biex titlobha l-abbozz, iżda n-Nutar sempliċiment qaltilha tikkuntattja l-avukat tagħha. Din kienet l-unika darba li n-Nutar Dottor Arapa kellha xi forma ta' kuntatt mal-esponenti. Di fatti, l-esponenti sa minn dejjem ċaħdet illi Dottor Arapa qatt kellmitha jew ċemplitlha biex tinfurmaha dwar il-konvenju prospettiv jew biex tiddiskuti l-istess, u dan kuntrarjament għax-xhieda li taw uħud mir-rikorrenti fil-kawża in Prim' Istanza.*

**q)** *L-għada, l-esponenti bagħtet ittra uffiċċjali 1305/2016 fejn infurmat lill-intimati kopropjetarji illi ma kinitx għadha infurmata bil-kundizzjonijiet tal-konvenju, u wisq anqas bil-prezz li għalih kienu bi ħsiebhom ibiegħu, u li l-ittra tagħhom ma kellhiex kopja tal-konvenju anness magħha, b'dan illi l-esponenti kienet ser tkun serjament ippreġudikata kemm-il darba l-intimati kopropjetarji pproċedew bil-bejgħ.*

**r)** *Ftit jiem wara (fid-29 t'April 2016) l-intimati kopropjetarji intavolaw proċeduri ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***s)*** *Illi l-esponenti kienet laqgħet għal din l-azzjoni billi eċċepiet illi:*

- *Kien għad hemm proċeduri għadejjin għall-qsim tal-wirt u allura wieħed mill-elementi neċessarji sabiex tkun tista' ssir azzjoni taħt l-Artikolu 495A kienet nieqsa;*
- *L-azzjoni kienet monka peress illi ma kinex hemm anness magħha prospett, kif trid il-liġi;*
- *L-azzjoni kienet intempestiva peress illi kienu għadhom għaddejjin trattattivi sabiex il-wirt jinqasam bejn il-werrieta bonarjament;*
- *Kien hemm kontradizzjoni fir-rikors promotur dwar l-ishma;*
- *Kien hemm element ieħor tal-azzjoni 495A nieqes peress illi ma kienx minnu li l-kompropjetarji naqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ tal-propjeta` in kwistjoni u dan stante li qatt, fil-fatt, ma ġie diskuss il-bejgħ tal-propjetajiet pertinenti għall-eredita` tal-antenati;*
- *Jekk dawn il-propjetajiet jinbiegħu, l-assi tal-eredita` ma jkunux iktar komodament diviżibbli u għalhekk ikollhom jinbiegħu bil-leċitazzjoni;*
- *Jekk l-esponenti kienet taf illi ser tinbiegħ il-propjeta` in kwistjoni, kienet toffri li tixtri l-istess propjeta` hi stess;*
- *Hija lesta toffri għaxart elef (€10,000) iktar fuq il-prezz miftiehem mir-rikorrenti sabiex tixtri l-propjeta` hi stess;*
- *Il-Qorti kellha tistabilixxi l-valur tal-propjeta` hija stess; u li*
- *Ma kellhiex tbati l-ispejjeż tal-proċeduri stante li hi dejjem kienet disposta li tgħaddi għall-qsim tal-wirt.*

***t)*** *Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-proċeduri in Prim Istanza favur l-intmati (dak iż-żmien rikorrenti) kopropjetarji, u ċioe' billi ordnat il-bejgħ tal-propjetajiet in kwistjoni, caħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-esponenti u ordnat illi kull parti għandha tbati spejjeż daqs is-sehem tagħhom fil-propjeta`. L-esponenti sussegwentement interponiet appell minn dina s-sentenza.*

***u)*** *Illi qabel is-smigħ tal-appell surriferit, li eventwalment ġie miċħud fil-mertu, ir-rikorrenti kienet addirittura resqet rikors fejn talbet referenza*

*kostituzzjonali in linea ta' wieħed mill-aggravji li hija qajmet u li permezz tiegħu argumentat illi:*

*il-propjetajiet in kwistjoni qegħdin jittieħdu mingħand l-esponenti, skont il-liġi, iżda mhux fl-interess pubbliku, iżda fl-interess speċifiku ta' individwi, u ċioe' r-rikorrenti. Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedmen ma tikkontemplax bħala eċċezzjoni għar-regola, li propjeta` tista' tittieħed mis-sid fl-interess ta' persuna privata u għalhekk huwa sottomess illi bil-bejgħ kif propost, kontra r-rieda tal-esponenti, id-dritt fundamentali tagħha għat-tgawdija tal-propjeta` ser tiġi leża.*

***v)*** *Illi madanakollu, it-talba għal referenza kostituzzjonali tantieħor ġiet miċħuda u propju għalhekk, ir-rikorrenti għażlet li tirrikorri għal dawn il-proċeduri sabiex tfittex rimedju għal vjolazzjoni li hija qed iġġarrab b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi abbażi tiegħu hija ser tisfa imċaħħda mid-drittijiet li tgawdi fuq il-propjeta` mertu tal-proċeduri msemmija, qua ko-propjetarja tal-istess. Di fatti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-ogħti tas-sentenza tagħha, iffissat data għall-publikazzjoni tal-kuntratt sabiex ikun jista' jsir il-bejgħ tal-propjeta` in kwistjoni skont dak illi oriġinarjament iddeċidiet il-Qorti in Prim' Istanza.*

*iv.* *Illi fl-isfond tas-suespost, ir-rikorrenti tirrileva qabel xejn, fuq skorta ta' sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, illi meta tiġi mistħarrġa leżjoni ta' dritt għat-tgwadija ta' propjeta` għandu jiġi kkunsidrat: 1) jekk kienx hemm interferenza fid-dritt tas-sid tal-propjeta`; 2) jekk l-istess interferenza kinitx legali; 3) jekk kinitx maħsuba għal skop leġittimu; u finalment 4) jekk kinitx neċessarja f'soċjeta` demokratika. Għalhekk, fost il-kunsiderazzjonijiet li huma neċessitati, jeħtieġ jiġi mgħarbul jekk f'tali interferenza jissussistix bilanċ adegwat bejn l-għan ewlieni illi jrid jintlaħaq u l-impatt konsegwenzjali li din ser ikollha fuq id-dritt tal-individwu.*

*v.* *Illi l-esponenti, kif ġja kienet għamlet qabel, tirrileva li għalkemm it-teħid tas-sehem li hija għandha fil-propjeta` ser isir in forza ta' liġi, u ċioe l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Civili, u li tali liġi ġiet promulgata għal skop leġittimu, jekk hija tiġi mġiegħla tbiegħ is-sehem tagħha fil-propjeta` in*

*mertu kontra r-rieda tagħha, dan ma jista' qatt jikkwalifika bħala teħid neċessarju f'soċjeta` demokratika, u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'l-isfel.*

vi. *In primis, huwa ribadit illi l-prinċipju ta' neċessita` f'soċjeta` demokratika dejjem tqies mill-Qorti Ewropea li jfisser illi f'kwalunkwe sitwazzjoni fejn hemm interferenza fid-dritt ta' sid ta' propjeta`, ikun inżamm il-bilanċ rikjest bejn id-drittijiet tal-istess sid u l-interess pubbliku. Sfortunatament pero, f'dan il-każ jirriżulta illi l-interferenza fid-dritt tar-rikorrenti hija waħda sproporzjonali għall-aħħar għaliex il-liġi illi invokaw il-kopropjetarji l-oħra, ossia l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tonqos għal kollox milli ssib bilanċ adegwat bejn il-ħarsien tad-drittijiet tal-partijiet kollha u l-interess pubbliku.*

vii. *Illi huwa paċifiku li l-iskop intrinsiku tal-imsemmi Artikolu 495A huwa msejjes fuq żewġ binarji. Fl-ewwel lok, tali dispożizzjoni hija intiża biex jiġi evitat l-ispezzettar inutili ta' ishma fi propjetajiet miżmuma in komuni, u konsegwentament biex jiġi eliminat ir-riskju li tali propjetajiet jibqgħu vakanti, u biex b'hekk jiġi kkonsolidat mill-ġdid it-titolu fuq l-istess. Fit-tieni lok, l-artikolu huwa intiż ukoll bħala rimedju sabiex fejn hemm maġġoranza ta' kopropjetarji li ma jixtiequx jibqgħu in komunjoni, dawn ikunu jistgħu ifittxu, arbitrarjament u mingħajr il-kunsens tas-sidien kollha, il-bejgħ tal-propjeta` relattiva għal prezz xieraq.*

viii. *Madanakollu, dak illi kjarament jonqos milli jagħmel l-artikolu surriferit, u kwalunkwe liġi oħra, huwa illi multo magis iqis u jiżen id-drittijiet ta' dak il-kopropjetarju li, għad li jinsab f'minoranza stante li ma huwiex konkordi mal-bejgħ tal-propjeta`, tantieħor għandu dritt fuq il-propjeta` in kwistjoni; dritt li jista' jiġi rispettat mingħajr ma jiġu mfixkla l-interessi u x-xewqat ta' dawk il-kopropjetarji l-oħra li talvolta jiddeċiedu illi jiddisponu mill-ishma tagħhom; dritt li madanakollu qed jiġi mittiefes tramite liġi li hija mankanti mill-elementi neċessarji sabiex kwalunkwe teħid forzjuż ordnat jew magħmul abbażi tagħha ikun wieħed neċessarju kif titlob il-każistika.*

ix. *Illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, illi wieħed mit-testijiet illi qorti ta' indoli kostituzzjonali għandha tistħarreġ sabiex tiddetermina teżistix vjolazzjoni o meno huwa jekk setax ikun hemm miżura li kienet tkun ta' inqas interferenza fid-drittijiet tas-sidien u jekk kienx hemm triq oħra sabiex l-iStat jottjeni l-istess riżultat, liema triq kienet tkun ta' inqas fastidju w pregudizju għas-sid in kwisjtoni.*

x. *Illi huwa sottomess illi l-bilanċ rikjest kien jintlaħaq faċilment kemm il-darba l-liġi kienet tipprospetta jew tikkonċedi xi dritt ta' prelazzjoni favur il-kopropjetarju li jixtieq jakkwista l-ishma ta' dawk li m'għadx għandhom interess jibgqħu fi stat ta' komunjoni, kif propju tixtieq tagħmel ir-rikorrenti. Iżda l-liġi hija kompletament siekta f'dan ir-rigward, b'dan illi ma teżisti ebda dispożizzjoni legali illi takkorda xi dritt simili lis-sid dissendenti illi jakkwista l-ishma tas-sidien l-oħra - li akkost ta' kollox jixtiequ jbiegħu - għal prezz li huwa ekwivalenti għal, jew aħjar minn, offerti oħra li dawn tal-aħħar jirċievu u li jikkunsidraw bħala aċċettabbli. Minflok, li tagħmel il-liġi huwa li tiffavurixxi sid fuq ieħor, ossia li tagħti preċedenza lid-drittijiet ta' indivdwu partikolari fuq id-drittijiet ta' kopropjetarju iehor bħalu (u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni Ewropea).*

xi. *Illi li kieku l-leġislatur ħaseb għal xenarji simili, dan kien indubitament iwassal sabiex l-ebda kopropjetarju ma jsofri preġudizzju, bħal ma ġara fil-każ in kwistjoni, u dan għalliex kien jiġi eliminat kull element ta' intralċjar fuq id-drittijiet fundamentali li jista' jgawdi sid illi ma jixtieqx ibiegħ (u lu huwa dispost jakkwista l-ishma l-oħra) iżda li, fil-kuntest legali preżenti, qed jiġi sfurzat jagħmel propju dan. Dan filwaqt illi l-iskop aħħari tal-Artikolu 495A, ċioe' l-ħarsien tal-interess pubbliku, kien jiġi sodisfatt b'mod ampju xorta waħda, u x-xewqat tas-sidien l-oħra illi jixtiequ jbiegħu l-ishma tagħhom tantieħor jiġu rispettati.*

xii. *Illi b'hekk il-possibbilta` li s-sid jixtri l-propjeta` intiera għal prezz ekwivalenti jew aħjar – kif offriet l-esponenti – kienet tkun miżura ta' ħafna inqas interferenza fid-drittijiet tas-sidien, fejn il-maġġoranza, xorta kienu jbiegħu ladarba ma xtaqux jibqgħu fi stat ta' komunjoni, u fejn is-sid*

*dissendenti jkun jista' jakkwista ladarba jkun irid iżomm il-propjeta` in kwistjoni.*

xiii. *Huwa propju għalhekk illi l-interferenza (ai terimini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) fid-dritt ta' sid li jixtieq jibqa' propjetarju ta' fond komuni, u li huwa lest iħallas prezz xieraq lill dawk li ma' jifdlilhomx interess jibqgħu fi stat ta' komunjoni, huwa wieħed manifestament sproporzjonat, u li jeżorbita minn kull bilanċ raġjonevoli li għandu jinżamm bejn id-drittijiet rispettivi tal-partijiet u l-interess pubbliku. Fuq kollox, u kif diġà ritenut, l-iStat għandu obbligu illi jassigura li kwalunkwe interferenza fid-dritt ta' individwu tkun raġjonevoli w ġustifikata, b'dan illi fejn hu possibbli tali interferenza għandha tiġi evitata, jew ta lanqas attenwata sal-għola grad possibbli.*

xiv. *Illi dan magħdud, ir-rikorrenti tfakkar illi fil-każ in diżamina hija kienet ripetutament esprimiet ix-xewqa tagħha (mal-bqija tal-kopropjetarji) li takkwista l-fond in kwistjoni. Tant hu hekk,  kienet saħansitra ressqet offerta li eċċediet il-prezz tal-bejgħ patwit bejn il-kopropjetarji msemmija u l-intimata FLM (klandestinament u mingħajr il-kunsens tagħha) b'madwar għaxart' elef Ewro.*

xv. *Din il-proposta pero ma ġietx akkolta, kemm għal raġunijiet li huma magħrufa biss lill-intimati kopropjetarji, u kemm għaliex sa dak iż-żmien dawn kienu laħqu daħlu f'konvenju (mingħajr ma mqar infurmaw lir-rikorrenti u addirittura waqt li din kienet għadha taħt l-impressjoni li ftehim bonarju ta' diviżjoni milħuq bejn il-partijiet kien qed jiġi attwat). Dan seħħ minkejja li, mhux talli l-intimati kopropjetajri ma kienu ser isofru l-ebda preġudizzju li kieku aċċettaw, iżda kienu ser jirċievu prezz aqwa mingħand ir-rikorrenti.*

xvi. *Agħar minn hekk pero jibqa' l-fatt illi l-kopropjetarji l-oħra kienu jafu ben tajjeb, anke qabel ma ffirmaw il-konvenju li permezz tiegħu fthiemu li jbiegħu l-propjeta' in mertu lil intimata FLM Developers Limited, illi r-rikorrenti xtaqet takkwista l-propjeta.*

xvii. *Illi huwa propju f'dan ir-rigward li r-rikorrenti tħoss illi l-liġi fl-istat preżenti tagħha, filwaqt li tat rimedju effettiv lill-kopropjetarji l-oħra, għamlet dan a skapitu tad-drittijiet li għandha r-rikorrenti stess, inkluż billi naqqset milli tipprovdi għall-protezzjoni tal-interessi li din seta kellha bħala sid daqs l-oħrajn.*

xviii. *Illi f'dan l-ambitu wkoll u kif ġja ngħad, l-esponenti tikkontendi li l-bejgħ tal-propjeta` in mertu, kif awtorizzat mill-Qorti in Prim' Istanza, mhuwiex ser jikkwalifika bħala teħid neċessarju f'soċjeta` demokratika. Ultimament, huwa ormai stabbilit illi l-prinċipju ta' neċessita` f'soċjeta` demokratika dejjem ittieħdet mill-Qorti Ewropea li tfisser illi f'kwalunkwe sitwazzjoni fejn hemm interferenza fid-dritt ta' sid propjetà` jeħtieġ jintlaħaq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u l-interess pubbliku.*

xix. *Dan kollu qed iwassal għal leżjoni tad-dritt fundamentali tagħha kif stabbilit taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem..*

xx. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jingħad wkoll illi t-teħid tal-propjeta' tal-esponenti m'huwiex fl-interess pubbliku.*

xxi. *Illi f'dan ir-rigward ssir referenza għas-sentenza fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-30 ta' Diċembru, 1993 fl-ismijiet Dr Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et [LXXVII-II-390] fejn ingħad:*

*"Il-pubbliku nteress li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita` pubblika – emanazzjoni tar-res pubblica, l-universalita` tar-res li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal-liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi interess privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita` tac-cittadini, ta' l-universalita` tal-pubbliku fl-istat." (enfasi tal-esponenti)*

xxii. *Illi in oltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma hemm ebda lok għal dubbju li l-bejgħ ta' sehem l-esponenti appellanta f'din il-propjeta` ser jibbenefika lir-rikorrenti appellati biss, u mhux lill-"universalita` tal-pubbliku fl-istat" u għalhekk, bejgħ sfurzat ta' sehem l-esponenti f'din il-propjeta` ser jammonta għal teħid illeġittimu tal-propjeta` tal-esponenti billi ma jkunx qiegħed isir fl-interess pubbliku u għalhekk, tali bejgħ ma jkunx neċessarju f'soċjeta` demokratika.*

xxiii. *Illi di piu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ttenni li s-segwenti fattwalitajiet, u ċioe':*

a) *li kien hemm ftehim privat illi kien qiegħed jiġi implimentat dwar il-qasma tal-wirt u li allura l-esponenti kellha aspettazzjoni leġittima li tali ftehim kien ser jiġi rispettat;*

b) *li l-esponenti kienet ingħatat l-għażla prima tal-propjetajiet ereditarji, propju għaliex kienet ħadmet ħafna għall-ġid komuni fejn addirittura intrigat illi tieħu fuqha l-obbligu tieħu ħsieb il-proċeduri neċessarji sabiex tiddefendi l-assi ereditarji minn squatters, inkwilini u anke minn interferenzi tal-Gvern. Din il-propjeta` in kwistjoni kienet l-għażla tal-esponenti propju għaliex din kienet ilha żmien twil tgħix ġewwa l-propjeta` in kwistjoni taħt titolu ta' kera.*

xxiv. *Illi għalhekk huwa wkoll sottomess illi jekk jiġi sfurzat il-bejgħ ta' din il-propjeta`, l-esponenti ser tkun mċaħħda mill-aspettativa leġittima tagħha (protetta bħala "possediment" hekk skont l-Konvenzjoni Ewropea) li l-ftehim ffirmat mill-partijiet kollha jkompli jiġi implimentat, u ċioe' li d-dar fejn kienet ilha tgħix għal diversi snin kienet ser tiġi assenjata lilha fid-diviżjoni tal-assi patrimonjali; u dan mingħajr kumpens ġust għal tali caħda, u wisq anqas fl-interess pubbliku.*

xxv. *Illi kontestwalment ma din il-kawza, ir-rikorrenti qegħda tippreżenta wkoll rikors separat, li qed jiġi ntavolat b'urġenza, fl-atti ta' din il-kawża u li permezz tieghu hija qeghda titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha*

*sabiex permezz ta' miżura ad interim twaqqaf il-bejgħ tal-propjeta mertu ta' dawn il-proċeduri, liema bejgħ hu skedat illi jsir nhar it-28 ta' Frar 2022.*

Rat ir-rikors b'urġenza tar-rikorrenti Mary Grech, intavolat fil-25 ta' Frar 2022 (fol 15) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti l-mizura interim hemmek mitluba.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022 (fol 19), li permezz tiegħu ordnat in-notifika tar-rikors b'urġenza intavolat fil-25 ta' Frar 2022 lill-kontro-parti b'jumejn żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-iStat intavolata fl-4 ta' Marzu 2022 (fol 20), għar-rikors b'urġenza intavolat fil-25 ta' Frar 2022.

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Marzu 2022 (fol 22), li permezz tiegħu qieset t-talba kontenuta fir-rikors b'urġenza tar-rikorrenti tal-25 ta' Frar 2022 bħala waħda superfluwa fil-kuntest tal-lum u għalhekk ċaħdet it-talba.

Rat id-digiet tagħha (fol 23) li permezz tiegħu il-kawża ġiet appuntata għall-11 ta' April 2022 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-**Avukat tal-Istat** intavolata fit-30 ta' Marzu 2022 (fol 24) li permezz tagħha eċċeppixxa:

1. *Illi* ***preliminarjament****, u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ma uzufruwietx mir-rimedji ordinarji li kellha a dispozizzjoni taghha qabel ma hija pproponiet din l-azzjoni kostituzzjonali, u ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti hija mistiedna sabiex tiddeklina milli tisma u tiddeciedi l-mertu ta' din il-kawza. Kif diga` ritenut mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha ta' l-1 ta' Frar 2022, li permezz taghha giet deciza r-referenza kostituzzjonali quddiemha, ir-rikorrenti setghet tipprotegi l-interessi taghha billi tiftah kawza biex tenforza dak il-ftehim li hija taghmel referenza ghalih:*

   *"8. Fit-tielet argument taghha l-konvenuta tghid li hija ghandha aspettativa legittima tutelabbli ghaliex il-partijiet iffirmaw ftehim dwar kif ghandu jinqasam il-wit in kwistjoni. Pero` kif sewwa josservaw l-atturi, il-konvenuta m'ghamlet uzu mill-ebda rimedju ordinarju dsponibbli lilha sabiex tenforza dan il-ftehim. Il-ligi tipprovdi rimedju 'ordinarju' fejjiedi fis-sura ta' azzjoni lill-partijiet fi ftehim sabiex l-istess ftehim jigi enforzat u l-partijiet jigu ordnati jadempixxu ghall-obbligi li huma volontarjament assumew fih. Inoltre, il-Qorti tosserva li mhux talli l-konvenuta ma qajjmitx din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti talli fl-eccezzjonijiet taghha qalet li l-partijiet kien ghadhom ghaddejjin bi trattativi sabiex jaslu ghall-ftehim bonarju dwar id-divizjoni tal-assi mizmumin in komunjoni bejn il-partijiet. Ghalhekk kwalunkwe kwistjoni dwar allegata aspettativa legittima baqghet kwistjoni purament private bejn il-*

*partijiet u mhux kwistjoni kostituzzjonali li ghaliha jirrispondi l-iStat, galadarba kienet il-konvenuta stess li ghazlet li ma titlobx it-tutela ta' l-iStat ta' din l-allegata aspettativa legittima bl-uzu ta' rimedji ordinarji li l-legislatur pogga ghad-dispozizzjoni taghha u/jew bis-sottomissjoni ta' din il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti ghall-gudizzju."*

2. *Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jehtieg illi r-rikorrenti iggib il-prova tal-possediment li tallega li ghandha;*

3. *Illi, fil-mertu, ghall-iskop ta' l-ewwel talba, mhux minnu li l-Artikolu 495A tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;*

   i) *il-qafas leġiżlattiv tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jostakola lil xi wieħed mis-sidien milli jixtri l-kumplament ta' propjeta' li fiha hu għandu sehem;*

   ii) *Illi di piu', d-drittijiet sanċiti permezz tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jkoprux id-dritt li persuna tixtri propjeta';*

   iii) *Illi f'kull każ, ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ma jista' jiġi misjub hawnhekk, stante li fiċ-ċirkostanzi fattwali ta' dan il-każ il-Gvern ta' Malta ma ħa għalih l-ebda proprjeta' b'mod obbligatorju jew imġiegħel mingħand ir-rikorrenti;*

   iv) *Illi a kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrent, l-introduzzjoni tal-artikolu 495A fil-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sar għall-interess pubbliku sabiex jiġi kreat mekkaniżmu li mhux biss jindirizza l-ostakoli li kellhom komproprjetarji meta jkun hemm ix-xewqa li tinbiegħ il-propjeta', iżda ġiet indirizatta wkoll il-problema tal-postijiet vakanti li tħalli effetti soċio-ekonomiċi. Barra minn hekk, l-artikolu msemmi jżomm bilanċ ġust u xieraq bejn il-jeddijiet tal-komproprjetarji;*

   v) *Illi di piu' mhux talli l-qafas leġiżlattiv ġie kreat sabiex jilħaq l-interess pubbliku, talli l-komproprjetarju, f'dan il-każ ir-rikorrent, ser jirċievi s-sehem tiegħu jekk issir il-bejgħ u kellha mezzi legali biex tikkontesta dan il-bejgh;*

   vi) *Illi peress li din il-vertenza torigina minn vertenza ohra bejn persuni privati, l-obbligu pozittiv ta' l-iStat kien li jikkrea qafas legali li jippermetti lil min ma jridx jibqa' fi stat ta' komproprjeta` li jinhall minn tali komproprjeta`. Dan l-obbligu, u dan l-obbligu gie sodisfatt effettivament bl-introduzzjoni ta' l-Artikolu 495A, impunjat f'din il-kawza;*

   vii) *Illi b'referenza lejn l-allegat ksur tal-Konvenzjoni, permezz tal-każistika tagħha, l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, qalet b'mod manifest illi ma jeżisti l-ebda ksur tal- artikolu 1 tal-Ewwel*

*Protokoll tal-Konvenzjoni meta l-qafas leġiżlattiv jagħti lok ta' bejgħ bejn il-kompropjetarji, anke meta ma tkunx ix-xewqa ta' xi waħda mill-kompropjetarju (**vide Zrilic vs Croatia (2014), Bramelid and Malmstrom v. Sweden (1982));***

*viii) Illi l-Qorti Kostituzzjonali diga` esprimiet ruhha, fir-referenza kostituzzjonali li saritilha waqt is-smiegh ta' l-Appell tar-rikorrenti odjerna li l-argument mressaq, u cioe` illi l-bjegh ma jservix l-interess pubbliku izda biss l-interess ekonomiku ta' l-intimati f'din il-kawza bhala wiehed frivolu u vessatorju, u l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonferma dan l-enuncjament:*

*ix) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, bil-bejgh tal-proprjetajiet kollha formanti parti mill-wirt, ir-rikorrenti se tiehu kumpens adegwat ta' kull sehem li jista jkollha fil-proprjeta`.*

*4. Illi ghall-iskop tat-tieni talba, ebda fatt fih innifsu ma jista' jitqies leziv ta' xi dritt protett mill-Konvenzjoni Ewropeja – semmai tkun l-applikazzjoni ta' Ligi jew azzjoni partikolari li tkun specifikata ghall-iskop tat-talba, minghajr pregudizju ghall-fatt jekk tali azzjoni fiha nnifisha tirrizultax li tkun leziva;*

*5. Illi ghall-iskop tat-tielet talba, ma hux minnu li l-bejgh tal-proprjeta` de quo in segwitu ghall-proceduri bbazati fuq l-Artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ser ikun jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti sanciti mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

*6. Illi konsegwentement lanqas ma hemm lok li s-Sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech** (Rik. Nru. 346/16/1 deciza 01/02/22] u s-Sentenza fl-istess ismijiet deciza in Prim' Istanza fil-15/07/21 jigu annullati u/jew revokati;*

*7. Illi konsegwentment lanqas ma hemm lok li jigi rexxiz il-bejgh kemm-il darba dan ikun sar sakemm dina l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-Sentenza;*

*8. Illi ġaladarba r-rikorrenti ma ġarbet l-ebda vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali invokati minnha, ma hemm ebda lok ghal danni favur l-istess rikorrenti, u li f'kull kaz, u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti hija obbligata li ggib l-ahjar prova tad-danni li tallega li sofriet jew li ghad issofri;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Mary Grech intavolat fl-20 t'April 2022 (fol 35) li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti:

> *"... tagħti miżura ad interim u twaqqaf il-bejgħ tal-propjeta mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech, Rikors numru 346/2016/1, deċiża fl-1 ta' Frar 2022** <u>**sakemm ikun hemm eżitu finali**</u>*

> ***<u>f'dawn il-proċeduri</u>****, inkluż fl-istadju tal-appell, u dan sabiex tissalvagwardja d-dritt fundamentali tagħha li qiegħda tilmenta li ser jiġi ppreġudikat bl-istess bejgħ. <u>In oltre, l-esponenti titlob li din it-talba tiġi milqugħa proviżorjament sakemm jinstemgħu l-partijiet"</u>*

Rat id-digriet tagħha tal-25 t'April 2022 (fol 39) li permezz tiegħu ċaħdet it-talba biex tilqa` t-talba proviżorjament u ordnat in-notifika tal-istess rikors b'jumejn żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat intavolata fit-28 t'April 2022 (fol 40) u r-risposta ta' FLM Developers Limited intavolata fit-2 ta' Mejju 2022 (fol 44) b'referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti fl-20 ta' April 2022.

Rat ir-risposta ta' Anne McKenna flimkien mal-intimati kollha għajr l-Avukat tal-Istat u FLM Developers Limited, intavolata fil-5 ta' Mejju 2022 (fol 49) b'referenza għar-rikors intavolat fil-25 ta' Frar 2022.

Rat ir-risposta ta' Anne McKenna flimkien mal-intimati kollha għajr l-Avukat tal-Istat u FLM Developers Limited, intavolata fit-8 ta' Mejju 2022 (fol 51) b'referenza għar-rikors intavolat mir-rikorrenti fl-20 ta' April 2022.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2022, id-difensuri tal-intimati Avukat tal-Istat u Anne McKenna flimkien mal-intimati kollha l-oħra għajr l-Avukat tal-Istat u FLM Developers għamlu referenza għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom, filwaqt li d-difensuri ta' FLM Developers għamlu referenza għall-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tagħhom.

Rat ukoll illi l-Qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar (1) jekk l-eċċezzjonijiet msemmija għandhomx jiġu trattati b'mod preliminari u f'dan ir-rigward il-Qorti irriservat li tagħti digriet seduta stante u (2) dwar il-mertu tal-istess eċċezzjonijiet sabiex jekk ikun il-każ il-kawża titħalla għad-deċiżjoni dwar l-istess eċċezzjonijiet.

Rat ir-risposta għar-rikors promotur tal-intimati **Edith Cachia et**. u ċioe l-intimati kollha ħlief l-Avukat tal-Istat u FLM Developers Limited (minn hawn 'l quddiem magħrufa bħala **Edith Calleja et**) intavolata fit-8 ta' Ġunju 2022 (fol 62) li permezz tagħha eċċepew:

> *1.Illi <u>preliminarjament </u>l-esponenti intimati qed jaghtu ruhhom notifikati bir-rikors promotur b'effett mis-27 ta' Mejju 2022.*
>
> *Illi dawn il-proceduri huma biss pika tar-rikorrenti li akkost ta' kollox ma tridx li l-proprjeta tinbiegh; tali pika l-Qorti tista tikkonstanta mid-diversi eccezzjonijiet li qajmet ir-rikorrenti fl-atti tar-rikors mertu ta' dawn il-proceduri liema rikors ha aktar minn hames snin sabiex jigi konkluz.*
>
> *2.Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:*
>
> *(i)Illi in <u>linea prliminari,</u> jigi rilevat li fl-atti tar-rikors numru 346/2016 RGM tal-1 ta' Frar 2020 l-Qorti tal-Appell fl-istess gurnata li tat id-decizjoni tat decizjoni ohra li fiha cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal referenza*

*kostituzzjonali fuq l-istess binarju li qed taghmel dawn il-proceduri. Kopja tad-digriet anness.*

*Li ghalhekk galarba din it-talba giet michuda u kunsidrata bhala vessatorja minn l-istess Qorti tal-Appell din l-Onorabbli Qorti ma tistghax thalli lir-rikorrenti tinqeda b'dawn il-proceduri stante li t-talba taghha hija res judicata galadarba l-Qorti tal-Appell kienet cahditilha it-talba taghha ghal referenza kostituzzjonali fir-rigward. Difatti f'dawn il-proceduri r-rikorrenti mhix titlob li d-digriet li permezz tieghu cahditilha t-talba ghar-referenza kostituzzjonali sabiex jigi dikjarat null.*

*<u>(ii)Li in linea preminari</u> wkoll u minghajr pregudizzju ghal premess, l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas tal-applikabilita tal-Ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeaj stante li fil-kaz odjern ma jezisti l-ebda tehid forzuz ta' proprjeta. Di piu u minghajr l-ebda pregudizzju fattwalment ir-rikorrenti ghandha is-sid tal-istess sehem indiviz;*

*(iii)Illi inoltre fir-rigward d din l-allegat lezjoni l-<u>istat igawdi diskrezzjon iwesgha</u> fl-apprezzament tal-htigijiet socjali tal-pajjiz u fl-ghazla tal-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex jigu indirizzati dawk il-htigijiet socjali;*

*(iv)Illi l-intorduzzjoni tal-artikolu 495A fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sar ghall-interess pubbliku u sabiex jigi kreat mekkanizmu li jindirizza l-ostakoli li kelhom komproprjetarji meta jkun hemm ix-xewqa li tinbiegh il-proprjeta u dawn ma jaslux fi ftehim. Indirettament giet indirizzata wkoll problema li kienet ser tigi kreata kieku dawn il-postijiet kienu ser jibqghu f'komunjoni sfurzata li twassal sabiex il-proprjeta tibqa vakanti u liem proprjetajiet vakanti jhallu effetti socjo-ekonomici. Ghalhekk huwa ampjament car li l-legislatur uza d-diskrezzjoni teighu b'mod ragonevoli;*

*(v)Illi tali diskrezzjoni tal-legislatur m'ghandhiex titbiddel sakemm din ma tkunx manifestement minghajr bazi ragonevoli liem bazi ragonevoli tezisti u tiggustifika l-promulgazzjoni tal-legislazzjoni li tinsab that skrutinju fil-kawza odjerna;*

*(vi) Illi l-Qorti Ewropean tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet b'mod manifest li ma jezisti l-ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni meta l-qafas legislattiv jirregola l-bejgh ta' proprjeta bejn l-indiridwi u jaghti d-dritt ta' bejgh anke meta ma tkunx ix-xewqa ta' xi wahda mill-komproprjetarji li jsir l-istess bejgh (**vide Zrilic vs Croation (2014) , Bramelid and Malmstrom v Sweden (1982)**. Di piu l-ligijet bhal -495A huma essenzjali f'socjeta liberali u ma jiksru l-ebda dritt fundamentali u qanqas imorru kontra l-istess dritt ta' proprjeta.*

*(vii)Filwaqt li l-Qrati taghna spiss irritjenew li l-Istat Malti jgawdi minn diskrezzjoni wiesgha fit-tfassil ta' ligijiet mahsuba bie xiharu l-interess pubbliku u l-htigijiet socjali fil-pajjiz kif ukoll fl-ghazla tal-mizuri li ghandhom jittiehdu sabiex jigu indirizzati dawn il-htigijiet socjali. F'dan il-kaz jirrizulta li l-ghan tal-legislatur kien li jindirizza l-problema pjuttost kbira li hawn fil-pajjiz minhabba proprjeta li tithalla vakanti ghal snin twal, aktarx frott tal-pika bejn il-komproprjetarji liema proprjeta ghalhekk tithalla tiddeterjora u tibqa ma*

*tinbiegh ghal bosta snin. Kien fl-isfond ta' din ir-realta li l-legislatur introduca l-artikolu 495A fil-Kodici Civili taghna.*

*(viii)Jirrizulta wkoll li l-bejgh propost m'huwa ser iwassal ghal ebda telf tal-assi tar-rikorrenti ghaliex is-sehem taghha mil-proprjeta in kwistjoni ser jinbidel fi flus skont il-valuri tas-suq. Lanqas ma jista jigi argumentat fil-kaz odjern m'hemmx bilanc u proporzjon fir-rigward tal-harsien tal-interessi tar-rikorrent bhala l-komproprjetarju dissident, stante li qabel tawtorizza l-bejgh propost mill-maggoranza tal-komproprjetarji il-Prim Awlta tal-Qorti Civili kienet certa li l-jeddijiet tar-rikorrenti bhala komproprjetarja dissidenti mhumiex ser jigu ppregudikati b'xi mod.*

*(ix)Li subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u <u>fil-mertu</u> l-esponenti jopponi t-talbiet avvanzati fir-rikors promutur u jirrileva li ma sehh u anqas qieghed isehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tla-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti u dan ghas-segwenti motivi li qed jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin;*

*(x)Illi r-rikorrenti tqaghmel allegazzjoni skorretta meta tghid li l-operat tal-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jledi d-drittijiet fundamentali taghha stante li ma jahtihiex drit tli takkwista l-proprjeta in kwistjoni u meta tghid li l-legislatur naqas li jindirzza sitwazzjoni bhala dik oderjna u dan ghaliex il-qafas legislattiv tal-artikolu 495A tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ebda mod ma jostakola lil xi  wiehed mis-sidien milli jaghmel offerta sabiex jixtri l-kumplament ta' proprjet ali fiha hu ghandu sehem. Se mai imbaghad il-komproprjetarji l-ohra jridu jaccettaw l-offerta maghmula.  Fil-kawza rik numru 346.2016 RMG ir-rikorrenti baqghet qatt ma ghamlet ebda offerta;*

*(xi)Illi fl-istess kawza gie deciz li r-rikorrenti mhix ser issofri pregudizzju serju bil-bejgh tal-proprjeta in kwistjoni ai termini tal-artikolu 495A (6) tal-Kap 16 u fir-rigward l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mil-Prim Awla fl-ismijiet* ***Joseph Grech pro et noe vs George Joseph Parnis deciza fit-6 ta' Frar 2017 mil-Prim Awla tal-Qorti Civili*** *li fiha inghad: "Meta tigi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi pregudizzju serju ghal wiehed mil-komproprjetarji, l-Qorti ghandha tqis kull fattur relevant inkluz il-valur tal-proprjeta u tal-Prezz tal-bejgh u tista ghal dan il-ghand todna li ssir stima tal-proprjeta skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3036 tal-Kodici ta' organizzazzjoni u Procedura Civili"*

*Vide wkoll sentenza Qorti tal-Appell fl-ismijiet Busy Bee Estates Limited vs Anthony sive Tony Formosa et deciz fil-25 ta' Novembru 2011 dwar l-istess.*

*(xii) Dan il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-kawza mertu ta' dawn il-proceduri ghamlitu tant li hatret perit arkitett biex jaghmel stima tal-fond in kwistjoni u inoltre r-rikorrenti mhu ser issofri ebda oneru partikolarment pezanti u ezorbitanti li jista jikkostitwixxi lezjoni ghad-drittijiet fundamentali taghha bil-fatt li l-proprjeta ser tinbiegh lil terzi ai termini tal-artikolu 495a u dan in vista tal-fatt li tali bejgh jista jsir biss jekk il-Qorti kompetenti tkun sodisfatta li l-komproprjetarju dissident mhux ser ikun gravament pregudikat inkluz li jigi assigurat li tali komproprjetarju jircievi valur reali u gust ta' sehemha mil-proprjeta.*

*(xiii)Illi ghalhekk l-artikolu 495A tal-Kap 16 jipprovdi diversi salvagrwardji sabiex jigi assigurat li l-preokkupazzjoni tar-rikorrenti dwar jekk il-jeddijiet taghha humiex ser jigu mharsa b'dan il-bejgh tigi indirizzata b'mod xieraq.*

*(xiv)Illi l-esponenti qed jannettu kopja tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, kawza numru 346/2016 li fuqha qed tibbaza t-talbiet taghha r-rikorrenti, d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell rigward ir-rikors tar-rikorrenti ghal referenza kostituzzjonali.*

*Ghaldaqstant u anke fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fudnamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha.*

Rat ir-risposta għar-rikors promotur tas-soċjeta intimata **FLM Developers Limited** intavolata fit-8 ta' Ġunju 2022 (fol 115) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Preliminarjament, din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha, fit-termini tal-**artikolu 4(2)** tal-<u>Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319)</u>, billi r-rikorrenti għandha, jew kellha disponibbli favur tagħha, mezzi xierqa ta' rimedju għall-ilmenti li qegħda tagħmel f'dawn il-proċeduri. Jekk ir-rikorrenti naqset li teżawrixxi r-rimedji ordinarji jew li tużufruwixxi tempestivament mir-rimedji disponibbli skond il-liġi, hija m'għandhiex tgawdi vantaġġ minħabba l-inadempjenza tagħha.*

   *Ir-rikorrenti stess tistqarr li diversi snin ilu, kien intlaħaq ftehim għall-qsim tal-wirt, inkluża l-proprjetà mertu ta' dawn il-proċeduri. Minkejja dan, ir-rikorrenti ma għamlet użu minn ebda rimedju ordinarju disponibbli lilha sabiex tinforza dan il-ftehim.*

2. *Inoltre ir-rikorrenti diġa' qajmet l-istess ilment, dwar ksur tad-drittijiet tagħha protetti taħt l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protkoll** tal-<u>Konvenzjoni Ewropea</u> flimkien ma ilment dwar ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha protett taħt l-**artikolu 37** tal-<u>Kostituzzjonali ta' Malta</u>, quddiem il-Qorti tal-Appell fil-proċeduri tal-ismijiet Edith Cachia et vs Mary Grech (Rikors numru 346/2016) fejn essenzjalment ressqet l-istess oġġezzjonijiet dwar l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili u talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex, fit-termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tibgħat il-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, biex tiddeċiedi l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tagħha. Il-Qorti tal-Appell, b'digriet tal-1 ta' Frar 2022, iddeċidiet li dik it-talba għal referenza Kostituzzjonali kienet waħda frivola u vessatorja u ċaħditha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Din id-deċiżjoni ma hemmx appell minnha (**artikolu 46(5)** tal-<u>Kostituzzjoni</u> u tal-**artikolu 4(5)** tal-<u>Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea</u>).*[1]

   *L-intenzjoni tal-Leġislatur, meta fassal dawn id-dispożizzjonijiet, kienet li ladarba l-Qorti tiddikjara xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet, kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", ma jkunx hemm dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni. Dan iwassal sabiex, bħala regola, u sakemm ma jkunx*

*hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni li xi talba jew kwistjoni li tkun li tkun tqanqlet, hija frivola jew vessatorja hija ta' ostaklu għal xi forma ta' appell. Din id-dispożizzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku.*[2]

3. *Il-konsewgenza naturali ta' din id-dispożizzjoni, hija li, la darba kwistjoni tkun ġiet dikjarata frivola u vessatorja, allura lanqas hemm dritt li din terġa' titqajjem b'kawża kostituzzjonali.*

   *Din il-Qorti għandha għalhekk tirrifjuta li titratta l-istess talbiet kwistjonijiet mill-ġdid.*

4. *Fil-meritu, mhux minnu li l-**artikolu 495A** tal-<u>Kodiċi Ċivili</u> huwa leżiv tad-drittijiet tar-rikorrenti protetti taħt l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll** tal-<u>Konvenzjoni Ewropea</u>.*

   *l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa biex iħares l-interess pubbliku u l-ħtiġijiet soċjali fil-pajjiż. L-artikolu 495A ġie promulgat mil-Leġislatur sabiex jindirizza l-problema ta' proprjetà li tibqa' vakanti għal snin twal, ħafna drabi minħabba pika bejn il-koproprjetarji, li twassal biex dik il-proprjetà tiddetorja a skapitu tal-koproprjetarji kollha, kif ukoll tal-interess ġenerali fil-pajjiż. Permezz ta' dan l-artikolu 495A il-komproprjetarji li jkunu jridu jtemmu l-istat ta' komproprjeta' tagħhom ingħataw rimedju adegwat fejn minoranza tal-komproprjetarji ma jkunux iridu jbiegħu l-istess proprjetà.*

   *Il-liġi stess tħares ukoll il-jeddijiet tal-minoranza, jew il-komproprjetarji dissidenti billi tipprovdi li meta tiġi biex tikkonsidra t-talba biex tawtorizza l-bejgħ, il-Qorti għandha tassigura li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat. Il-proċedura timmira sabiex jiġi assigurat il-valur reali tal-proprjetà fis-suq, b'mod allura li jiġu protetti d-drittijiet tal-komproprjetarji kollha.*

   *B'dan il-mod qed jintlaħaq bilanċ u proprzjon fir-rigward tal-interessi tal-komproprjetarji li jitolbu l-awtorizzazzjoni għall-bejgħ u l-interessi tal-proprjetarji dissidenti.*

   *Ir-rikorrenti mhux ser tbati tnaqqis fil-valur tal-assi tagħha u hija wkoll ser tkun qed tieħu sehemha mill-valur reali tal-proprjetà.*

5. *L-**artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll** tal-<u>Konvenzjoni Ewropea</u> ma jagħti ebda dritt lir-rikorrenti li takkwista xi proprjetà.*

6. *It-talbiet tar-rikorrenti huma f'kull każ, infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagġha.*

7. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma tistax titqies b'ebda mod responsabbli għal-lanjanzi tar-rikorrenti u għalhekk ma għandha tbati ebda spejjeż għal dawn il-proċeduri.*

8. *Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tar-rikors, it-talbiet tar-rikorrenti Mary Grech għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat id-Digriet tagħha tas-16 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tar-rikorrenti Mary Grech kif kontenuta fir-rikors tagħha tal-20 t'April 2022.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Ġunju 2022, id-difensur tal-intimati kollha salv ghall-Avukat tal-Istat u dak ta' FLM Developers Limited, ikkjarifikat li l-eċċezzjoni li kienet għamlet referenza għaliha hija dik kontenuta fil-paragrfu 2(1) tar-risposta ppreżentata mill-istess intimati.

Rat ukoll illi l-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet laqgħet it-talba tal-intimati u idderiġiet lill-partijiet sabiex f'dan l-istadju jiġu trattati l-eċċezzjonijiet li ssir referenza għalihom, u ċioe` l-eċċezzjoni ta' res judicata, bil-għan li tingħata sentenza in parte dwar l-istess.

Rat li fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022, xehed **Ivan Grech Mintoff** prodott mir-rikorrenti u b'referenza għall-istess xhieda, id-difensur tal-intimati kollha għajr l-Avukat tal-Istat u FLM Developers ppreżentat kopja tas-Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili bir-referenza 349/16 RGM deċiża fil-15 ta' Lulju 2021 (fol 127).

Rat ukoll li l-partijiet trattaw l-eċċezzjoni tar-Res Judicata u bi qbil bejn il-partijiet, il-kawża tħalliet għall-udjenza ta' llum għal deċiżjoni in parte dwar l-istess eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi minn qari tar-rikors promotur jirriżulta illi r-rikorrenti qeghda essenzjalment tilmenta illi t-tħaddim tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħha jammonta għall-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif enunċjati fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif applikati fil-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minn naħa tagħhom, l-intimati laqgħu ghal dan billi qalu b'mod preliminari - **u għal finijiet ta' din id-deċiżjoni, qed issir referenza biss għat-tieni eċċezzjoni tal-intimati Edith Cachia et u għat-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta intimata FLM Developers Limited** - illi t-talbiet rikorrenti jikkonsistu f'Res Judicata u dana stante li permezz ta' digriet tal-1 ta' Frar 2022 fl-atti tar-rikors numru 349/2016 RGM, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal referenza kostituzzjonali fuq l-istess binarju li qed tagħmel l-istess rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Jirriżulta li fil-15 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti Mary Grech, intavolat rikors fl-atti tal-kawża fl-ismijiet **Edith Cachia et vs Mary Grech** (Rik. nru 349/16) li permezz tiegħu ddikjarat li l-imsemmija sentenza tal-Qorti kienet ordnat il-bejgħ ta' żewġ propjetajiet ai termini ta' l-Artikolu 495A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ghall-liema bejgh hi

kienet opponiet. Fir-rikors tagħha sostniet li din id-deċiżjoni u l-operat tal-istess artikolu msemmi tal-KAP 16 tal-Ligjiet ta' Malta, jammontaw għall-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Konsegwentament talbet lill-Qorti sabiex tibgħat il-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha sabiex tiddeċiedi dwar dan.

Jirriżulta li permezz ta' Digriet tal-Qorti tal-Appell datat l-1 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talba tar-rikorrenti Mary Grech u kkonkludiet is-segwenti:

> *Għalhekk din il-Qorti tqis illi t-talba għal referenza Kostituzzjonali tal-konvenuta f'dawn iċ-ċirkostanzi hi frivola u vessatorja u qed tiċħadha bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuta rikorrenti.*

Fix-xhieda tiegħu **Ivan Grech Mintoff** jgħid li hu t-tifel iż-żgħir tar-rikorrenti Mary Grech u li segwa d-diskussjonijiet kollha li saru bejn l-aħwa u l-kuġini dwar qsim ta' wirt tan-nanna, u ċioe` omm ir-rikorrenti, mis-snin tmenin (80) sa llum. Jispjega li kien hemm diversi diskussjonijiet u diversi drabi li kienu ħasbu li waslu għal ftehim iżda ma waslux. Jgħid li finalment kien hemm ftehim fl-1999 li ġie ffirmat mill-aħwa. Jispjega li minkejja dan, inqalgħu kwistjonijiet u nbdew il-proċeduri fil-qorti. Mistoqsi dwar jekk ommu qattx għamlet kawża sabiex tenforza l-istess ftehim, jgħid li le għax pruvat tasal b'mod amikevoli. Jgħid li qatt ma kien hemm indikazzjoni li xi parti kienet qeda topponi l-istess ftehim.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mit-**<u>trattazzjoni</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

L-intimati **Edith Cachia et** jissottomettu li l-eċċezzjoni ta' Res Judicata tqajmet minnhom minħabba l-fatt li t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors promotur diġa tqajjmet mill-istess rikorrenti waqt proċeduri oħrajn bir-referenza 349/16 RGM fejn ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex issir referenza kostituzzjonali, liema talba ġiet miċħudha u ddikjarata frivola u vessatorja. Jgħidu li fil-fatt ir-rikorrenti qiegħda tibbaża t-talba tagħha fil-proċeduri odjerni fuq l-istess artikolu u ċioe` l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Jgħidu li ma tistax ir-rikorrenti minħabba li ma ħaditx li riedet mill-Qorti tal-Appell tintavola l-istess talba quddiem din il-Qorti. Jgħidu wkoll li l-istess rikorrenti qatt ma talbet in-nullita` tad-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell dwar ir-referenza kostituzzjonali.

Is-soċjeta intimata **FLM Developers** tissottometti li l-poter tal-Qorti li ma tismax il-kawża odjerna joħroġ mill-artikolu 4(2) tal-Kovenzjoni Ewropea fejn il-liġi stess tikkontempla sitwazzjoni fejn hemm jew seta' hemm rimedju u ma tteħidx, dan ikun intilef xorta waħda. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ħaditu r-rimedju u dana stante t-talba għal referenza kostituzzjonali magħmulha minnha quddiem il-Qorti tal-Appell fuq ċitata. Tgħid li d-digriet mill-istess talba jidħol f'dettal dwar ir-raġunijiet li ġiet irrifjutatha l-istess talba u r-raġunijiet għat-talba huma identiċi għal dawk kontenuti fir-rikors promotur. Tissottometti għalhekk li din il-Qorti għandha tiddeċiedi li r-rikorrenti diġa kellha l-opportunita tagħmel it-talbiet u l-argumenti tagħha, liema

opportunita ingħatat u hemm deċiżjoni dwarha u għalhekk ma hemmx lok f'dawn iċ-ċirkostanzi li terġa tinfetaħ din il-kwistjoni.

L-intimat **Avukat tal-Istat** jissottometti li huwa ampjament ċar anke mid-digriet tal-Qorti tal-Appell fuq ċitat li r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju li m'utilizzatx u għalhekk din il-Qorti għanda tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawża odjerna. In sosten ta' dan jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Nardu Balzan vs Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja** deċiża minn din il-Qorti, diversament preseduta, fit-18 ta' Mejju 2006 fejn il-Qorti qalet illi rikors kostituzzjonali huwa minn natura tiegħu speċjali u straordinarju u għalhekk jekk kemm -il darba s-sistema tipprovdi rimedju alternattiv dan għandu jintuża. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Tat-Taljan Capri Limited vs Awtorita tal-Ippjanar** deċiża fit-2 ta' Novembru 2001, jgħid li sakemm hemm il-possibilita` li l-leżjoni tiġi indirizzat b'mezz ordinarju, il-Qorti Kostituzzjonali m'għandhiex tisma' dak il-każ. Jiċċita numru ta' sentenzi fejn il-Qorti Kostituzzjonali iddeklinaw milli jeżerċitaw is-setgħat tagħhom propju għax kien hemm rimedju[1]. Isostni li mhuwiex tort tal-istat jekk dik il-parti ma użatx ir-rimedju li setghet tuża.

Minn naħa tagħha ir-rikorrenti **Mary Grech** tissottometti li l-iskop ta' din il-kawża huwa li jiġi attakkat l-artikolu u l-applikazzjoni tal-artikolu 495A tal-Kapitolu 16 u dana stante li l-artikolu mhuwiex proporzjonali għax ma jagħtix *pre-emption rights* lis-sidien fil-minoranza biex jixtru l-propjeta` huma u skont il-Konvenzjoni Ewropea meta jkun hemm inteferenza fid-drittijiet tal-propjeta` tal-persuna, l-istat għandu l-obbligu illi jagħżel it-triq tal-inqas interferenza u jekk kemm -il darba ma jagħmilx dan ikun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali. Tissottometti li ma jista` jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju għall-iskop ta' din il-kawża. Tgħid li qatt ma setgħet issir kawża biex jiġi nfurzat il-ftehim li xehed dwaru is-Sur Ivan Grech Mintoff u dana stante li fil-fehma tar-rikorrenti dan kien qiegħed jiġi implimentat, sakemm ġiet affaċjata b'sitwazzjoni li kienet tmur kontra dak il-ftehim.

Dwar l-eċċezzjoni ta' *res judicata* tgħid li m'hemm xejn fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea li jgħid li wara li tkun saret referenza kostituzzjonali ma tistax issir kawża separata fuq l-istess ilment. Tgħid li barra minn hekk l-Qorti tal-Appell rat il-każ *prima facie* u mhux daħlet fil-mertu tal-vjolazzjoni. Tgħid li għalkemm ir-referenza kostituzzjonali intalbet fuq l-istess artikolu, il-ġustifikazzjoni u l-motivazzjoni tal-vjolazzjoni hija different. Meta saret ir-referenza kostituzzjonali din saret a bażi ta' jekk il-bejgħ kienx qed isir fl-interess pubbliku jew fl-interess tal-individwi, mentri fil-kawża odjerna qed jiġi sostnut illi l-fatt li l-liġi ma taghtix id-dritt illi s-sidien fil-minoranza jakkwistaw huma l-propjeta`, huwa allura l-istat li naqas fl-obbligi pożittivi tiegħu illi jagħżel it-triq tal-inqas interferenza u għalhekk hemm vjolazzjoni tad-drittijiet. Issostni għalhekk li l-mertu huwa wieħed differenti u filfatt fid-digriet fuq ċitat il-Qorti tosserva li l-konvenuta ma lmentatx li b'din il-proċedura l-istat ma laħaqx il-proporzjonalita` meħtieġa bejn l-interess tal-maġġoranza tas-sidien u l-interess tal-minoranza. In sosten ta' dan tikkwota l-ktieb tal-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici. Issostni li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell illi r-referenza kostituzzjonali kienet *frivolous and vexatious* kienet biss deċiżjoni illi dak il-punt

[1] Ragonesi Company Pro et Nomine vs Avukat Ġenerali deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-12 t'April 2013, Cini vs Repubblika ta' Malta deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru 2013, Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2021.

mhuwiex relevanti għal deċiżjoni li kellha tittieħed quddiemha u bl-ebda mod ma ddeċidiet dwar il-mertu. Tirreferi għal kawża **Pulizija vs Michael Zammit** deċiża fis-7 t'Ottubru 2019 fejn kienet intalbet referenza Kostituzzjonali u r-referenza ġiet miċħuda u sussegwentament saret kawża kostituzzjonali bir-referenza 67/14JPG fejn il-Qorti semgħet il-mertu u ma ġiex sollevat dan il-punt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Ladarba magħrufa l-fatti u l-posizzjonijiet tal-partijiet, il-Qorti ser tibda biex tezamina l-eccezzjoni numru 2(i) tar-Risposta tal-intimati Edith Cachia et (eccetto l-Avukut tal-Istat) u FLM Developers Limited li tghid hekk:

> *(i)Illi in <u>linea prliminari,</u> jigi rilevat li fl-atti tar-rikors numru 346/2016 RGM tal-1 ta' Frar 2020 l-Qorti tal-Appell fl-istess gurnata li tat id-decizjoni tat decizjoni ohra li fiha cahdet it-talba tar-rikorrenti ghal referenza kostituzzjonali fuq l-istess binarju li qed taghmel dawn il-proceduri. Kopja tad-digriet anness.*

U kif ukoll, fuq l-istess binarju, l-eccezzjoni numru (2) fir-Risposta ta' FLM Developers Limited, li tghid hekk:

> 1. *Inoltre ir-rikorrenti diġa' qajmet l-istess ilment, dwar ksur tad-drittijiet tagħha protetti taħt l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protkoll** tal-<u>Konvenzjoni Ewropea</u> flimkien ma ilment dwar ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha protett taħt l-**artikolu 37** tal-<u>Kostituzzjonali ta' Malta</u>, quddiem il-Qorti tal-Appell fil-proċeduri tal-ismijiet Edith Cachia et vs Mary Grech (Rikors numru 346/2016) fejn essenzjalment ressqet l-istess oġġezzjonijiet dwar l-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili u talbet lill-Qorti tal-Appell sabiex, fit-termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, tibgħat il-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, biex tiddeċiedi l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tagħha. Il-Qorti tal-Appell, b'digriet tal-1 ta' Frar 2022, iddeċidiet li dik it-talba għal referenza Kostituzzjonali kienet waħda frivola u vessatorja u ċaħditha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti. Din id-deċiżjoni ma hemmx appell minnha (**artikolu 46(5)** tal-<u>Kostituzzjoni</u> u tal-**artikolu 4(5)** tal-<u>Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea</u>).[1]*
>
> *L-intenzjoni tal-Leġislatur, meta fassal dawn id-dispożizzjonijiet, kienet li ladarba l-Qorti tiddikjara xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet, kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", ma jkunx hemm dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni. Dan iwassal sabiex, bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni li xi talba jew kwistjoni li tkun li tkun tqanqlet, hija frivola jew vessatorja hija ta' ostaklu għal xi forma ta' appell. Din id-dispożizzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku.[2]*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti Mary Grech qeghda tilmenta illi t-tħaddim tal-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tagħha jammonta għal

leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha kif enunċjati fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif applikati fil-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi d-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar 2022 fil-kawza 349/16/1RGM, inghata f'kawza fejn l-hawnekk rikorrenti Mary Grech kienet konvenuta u l-hawnekk intimati (eccetto l-Avukat tal-Istat u s-socjeta' FLM Developers Limited) kienu l-atturi. F'dik il-kawza, l-hemmek atturi ressqu procedura ai termini tal-artikolu 495A tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta u talbu l-awtorizazzjoni tal-bejgh tal-proprjeta' hemmek indikata b'ordni tal-Qorti. Din il-kawza giet deciza b'mod definittiv mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Frar 2022 u f'dik l-istess gurnata, l-istess Qorti tal-Appell tat id-digriet fuq msemmi illi qed jigi nvokat minn uhud mill-hawnekk intimati in sostenn ta' dawn l-eccezzjonijiet mressqa u hawnekk diskussi u decizi.

Jirrizulta mill-imsemmi digriet illi l-hemmek intimata, hawnekk rikorrenti, talbet illi l-Qorti ta' l-Appell tezercita s-setghat taghha taht l-artikolu 4 tal-KAP 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tibghat din il-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali sabiex tiddeciedi huwiex ser ikun hemm vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghha kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u kif ukoll bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Issa, minn dak dikjarat fid-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta' Frar 2022, jirrizulta illi l-hemmek intimata Mary Grech argumentat illi bil-bejgh ordnat bil-Qorti ai termini tal-Artikolu 495A tal-KAP 16 ma kienx qed jithares l-interess taghha fil-proprjeta', ma kienx qed isir fl-interess pubbliku izda kien qed isir biss fl-interess ekonomiku ta' ko-sidien ohrajn, f'dan il-kaz, l-hemmek atturi. Hija argumentat illi "*l-bejgh sfurzat tas-sehem taghha jammonta ghal tehid illegittimu tal-proprjeta' taghha billi mhux necessarju f'socjeta' demokratika ghaliex mhux ser jibbenefika lill-universalita' tal-pubbliku fl-istat*".

Wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti tal-Appell ddecidiet illi t-talba ghar-referenza kienet manifestament frivola u vessatorja.

### Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi fil-premessi dikjarati fir-rikors promotur tal-kawza odjerna, ir-rikorrenti tghid "*illi fost l-aggravji rispettivi li kienet qajmet l-esponenti appellanta* (hawnekk rikorrenti), *ikkonkorrew uhud ta' natura kostituzzjonali fejn l-esponenti proprju lmentat mill-fatt illi kienu ser jigu lezi d-drittijiet fondamentali taghha, senjatament dak sancit taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan b'konsegwenza tal-bejgh li awtorizzat l-Ewwel Qorti"* kif issa kkonfermat mill-Qorti tal-Appell.

Ukoll, jinghad illi "*it-talba ghal referenza kostituzzjonali tant iehor giet michuda u proprju ghalhekk*[2]*, ir-rikorrenti ghazlet li tirrikorri ghal dawn il-proceduri sabiex tfittex rimedju ghal vjolazzjoni li hija qed iggarrab b'konsegwenza tal-applikazzjoni tal-artikolu 495A tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li abbazi tieghu hija ser tigi mcahhda*

[2] Emfasi tal-Qorti

*mid-drittijiet li tgawdi fuq il-proprjeta` mertu tal-proceduri msemmija, qua ko-propretarju tal-istess....*".

Id-diversi premessi huma mbaghad segwiti bit-talbiet kif proprosti, bl-ewwel wahda u dik principali tkun cara u skjetta fis-sens illi qed tintalab dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-Artikolu 495A tal-KAP 16 jivvjola d-drittijiet tal-esponenti kif protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, preciz l-istess dikjarazzjoni kif msemmija fit-talba maghmula minnha ghal referenza kostituzzjonali fil-proceduri 349/16/1RGM.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi f'ghajnejn il-Qorti huwa car ghalhekk illi dak li r-rikorrenti trid illi jigi diskuss u deciz hawnekk bil-kawza minnha hawnekk proposta, huwa fis-sustanza identiku ghal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016/1.

Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia vs Financial Intelligence Analysis Unit et,** deċiża fis-17 t'Ottubru 2022[3] u fejn il-Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet **Alfred Attard vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-6 ta' Mejju 1992, u kkonkludiet is-segwenti:

> *"Din is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista` jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim' Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma` l-kawża u titlob referenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma` l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment jew intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinjarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja"*

Fil-fatt id-deċiżjoni fuq ċitata fl-ismijiet **Alfred Attard vs Avukat Ġenerali** tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża fit-22 ta' Mejju 1991 u fejn il-Qorti kkonkludiet:

> *"(a) Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali – dik il-parti tista: -*
>
> *(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;*
> *(ii) tqanqal il-kwistjoni quddiem il-Qorti fejn ikunu għaddejjin il-proċeduri u titlob lil dik il-Qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;*
>
> *(b) jekk u meta l-ewwel qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċiment frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrokorri għall-proċedura tar-Rikors sabiex, fuq l-istess mertu tal-*

[3] 372/2021GM

*kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li l-kwistjoni hija frivola u/jew vessatorja;*

*(c) l-ewwel qorti hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha tiġi riżolta mhux minn dik il-Qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti, tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċiment frivola u vessatorja"*

Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid mal-insenjament tal-Qrati taghna kif fuq ċitat, ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk la darba stabbilit illi dak li r-rikorrenti trid illi jigi diskuss u deciz hawnekk bil-kawza minnha hawnekk proposta, huwa fis-sustanza identiku ghal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016/1, allura l-eċċezzjonijiet numru 2(i) tal-Risposta tal-intimati Edith Cachia et (eccetto l-Avukut tal-istat u FLM Developers Limited) u l-eccezzjoni numru (2) tar-Risposta ta' FLM Developers Limited ghandhom mis-sewwa, u l-Qorti tqis illi hija ghandha tilqa' l-istess eccezzjonijiet, u in kwantu illi l-azzjoni proposta quddiem din il-Qorti qed titqies improponibbli, hija ser tastjeni milli tiddeciedi dwar il-bqija tal-vertenza, inkluz mill-eccezzjonijiet preliminari l-ohra illi din is-sentenza kellha titratta.

**Decide**

**Għaldaqstant** għar-raġunijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, din il-Qorti qegħda ssib illi r-rikorrenti ressqet azzjoni improponibbli u b'hekk tghaddi biex:

1. **Tilqa'** l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati Edith Cachia et numerata 2(i) fir-Risposta taghhom (a fol 62) u l-eċċezzjoni numru 2 tas-soċjeta` intimata FLM Developers Limited kif kontenuta fir-risposta taghha (a fol 115);

2. **Tiddikjara** r-rikors promotur bhala improponibbli u konsegwentament filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tal-eccezzjonijiet, tghaddi sabiex **tichad** it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż li jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**